MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 743/2002/1

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Chalcedon Vella**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm433.27c (erba' mija u tlieta u tletin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 20194 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Gunju u Dicembru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-18 ta' Frar 2002, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet sad-

data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Philip Magri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------